MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2009

Numru. 636/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**Vs**

**Renald Barbara ta’ 25 sena mwieled Pieta’ nhar il-25 ta’ Frar 1981 iben Paul u Vincenza nee’ Fenech residenti 29, Triq ir-Repubblika, Rabat, Malta detentur tal-karta ta’l-identita’ 129981(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Renald Barbara li permezz taghha huwa gie akkuzat:

1. talli fix-xhur ta’ Marzu u April tas-sena 2006 f’hinijiet differenti minn gewwa il-fond VBP Malta Limited Hal Far,

limiti ta’ Birzebbugia ikkometta serq ta’ makkinarju u oggetti ohra ghad-dannu ta’ Carmel maghruf bhala Chrales Brincat liema serq huwa aggravat bil-hin u bl-ammont, mezz u dana ai termini ta’l-artikoli 261, 263, 267, 270, 279 u 280 tal-Kpaitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

2. u aktar talli fl-istess postijiet, hinijiet, taht l-istess cirkostanzi kif ukoll matul dawn l-ahhar xhur f’diversi bnadi fil-Gzejjer Maltin xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement indahal sabiex ibieghhhom jew imexxiehom u cioe’ oggetti imsemmija fl-ewwel akkuza a detriment ta’l-istess persuna imsemmija fl-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. u aktar talli fl-istess hinijiet u taht l-istess cirkostanzi gewwa diversi postijiet tal-gzejjer Maltin akkuzat talli wara li kien ga ikkundannat u nstab hati ghal serq f’Malta jew ricettazzjoni nstabu fil-pussess tieghu oggett ohra li ma humiex tal-kundizzjoni tieghu minghajr ma ta kont sodisfacenti ta’ kif kienu gew legittimament fil-pussess.

Semghet il-provi,

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali ta’l-10 ta’ Settembru 2007.

Semghet illi l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Rat l-atti kollha processwali.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi migjuba mill-prosekuzzjoni irrizulta illi fid-data tas-6 ta’ April 2006, kien insteraq apparat minn gewwa fabbrika bl-isem VBP Malta Limited li tinsab f’Hal Far. Mill-atti tal-proces verbal irrizulta illi xi nies mhux maghrufa kienu dahhlu gewwa billi kissru hgiega tal-bieb, dahhlu idejhom u fethu il-bieb minn gewwa u dana peress illi l-bieb ma kienx imsakkra. F’dina is-serqa insterqu xi xkafef tal-hadid, kif ukoll l-appart mertu ta’ dina l-kawza

konsistenti f'expanded polysterine shredder. Illi ma kien hemm l-ebda persuna suspettata u ma kein hemm l-ebda prova indizzjarja ohra fuq il-post peress illi anke it-tfittxija ghal xi impronti digitali irrizultaw fin-negattiv. Kien biss 'il fuq minn sena wara u cioe' fil-25 ta' Lulju 2007 illi l-pulizija irnexxielhom isibu il-magna li kienet insterqet u dana fil-pussess ta' certu Daniel Agius, (li xehed f'dawn il-proceduri), li stqarr kemm mal-pulizija kif ukoll fix-xhieda moghtija minnu quddiem il-Qorti illi huwa kien akkwista dina l-magna minn ghand certu Carmelo Abela ir-Rabat. Illi min-naha tieghu Carmelo Abela ighid illi huwa kien akkwista din il-grinder minn ghand l-imputat. Kienet zarmata u hallsu l-ammont ta' Lm50 ghaliha u dana xi tmien xhur qabel ma gie interrogat mill-pulizija. Kien b'dana il-mod illi l-pulizija wasslu ghal persuna ta'l-imputat. Illi l-imputat irilaxxja stqarrija fis-26 ta' Lulju 2007, liema stqarrija hija esebieta a fol. 3 tal-process. F'dina l-istqarrija l-imputat ighid illi dina l-magna kien raha l-ewwel darba madwar sena u erba' xhur qabel id-data ta'l-istess stqarrija u ghalhekk bejn wiehed u iehor fl-istess perijodu ta' zmien illi giet misruqa. L-imputat isostni illi huwa kien sab xi garaxx abbandunat b'xi ghalqa warajh gewwa l-Imtarfa u iddecieda li jibda jokkupah. Ghalhekk beda inaddfu mill-imbarazz li kien fih sabiex jibda juzah. Ighid illi vicin dana il-garaxx huwa ghandu xi kmamar izomm l-annimali fihom. Dina l-magna huwa sabha zarmata f'bicciet u ghalhekk iddecieda li ibiegh l-hadid taghha ghal scrap. Ighid illi huwa seta jobsor illi dina l-magna kienet misruqa u meta gie bzonn il-flus iddecieda li ibieghha ghal Lm50 ghall-iscrap. Ighid illi l-garaxx fejn sab il-magna ghandu access ghalih kulhadd. Illi fix-xhieda moghtija mill-imputat quddiem il-Qorti (fols.89 sa92), huwa jaghti l-istess verzjoni tal-fatti kif moghtija fl-istqarrija tieghu. Izid ighid madanakollu illi kien ilu jokkupa dina l-kamra madwar sentejn qabel ma inqala' il-kaz u li kien ilu jara l-magna hemmhekk madwar sena u nofs qabel. Ighid illi ma hajt minn dina l-kamra kien hemm dina l-magna fost hafna imbaraxx iehor fosthom karozzi u hadid. Ghalhekk huwa iddecieda li ibiegh l-hadid ghall-iscrap. Huwa u niezel lejn il-Fgura sabiex jaghmel dana, waqaf jiehu te f'hanut gewwa r-Rabat u hemmhekk iltaqa' ma' Carmelo Abela. Dana tallbu sabiex ibieghha lilu, u hu tallbu Lm50.

L-imputat izid ighid illi dina l-magna kienet mghottija b'hafna imbarazz fosthom zraben u meta nehha l-imbarazz u remieh kull ma kien fadal kienet dina l-magna u xi zewg bicciet karozzi li iddecieda li ibieghhom.

Illi Carmelo Abela fil-kors tax-xhieda tieghu jikkonferma illi kien xtara l-magna in kwistjoni minn ghand l-imputat ghal prezz ta' Lm50, u dan wara li l-imputat kien infurmah illi l-magna kienet ghar-rimi. Wara dan huwa kien irrangaha u bieghha lil Daniel Agius ghal prezz ta' Lm500. Daniel Agius jikkonferma illi huwa xtara dina l-magna minn ghand Abela u izid ighid illi meta mar sabiex jixtrilha x-xfafar minn ghand l-agent certu Charles Brincat, l-persuna derubata, dana mal-ewwel iduna li l-magna kienet tieghu u cioe' l-magna li kienet insterqitlu mill-fabbrika gewwa Hal Far. Illi fil-kors tax-xhieda tieghu fil-fatt huwa ikkonferma illi l-magna elevata mill-pulizija kienet il-magna li insterqitlu.

Ikkunsidrat,

Illi l-prosekuzzjoni fid-dawl tal-provi migjuba quddiem il-Qorti qieghda tinvoka t-teorija elaborata minn gurisprudenza u awturi inglizi dwar "the unlawful possession of recently stolen goods." Jew 'l hekk imsejjha "theory of recent possession". Din it-teorija giet applikata anke minn gurisprudenza taghna u dana peress illi kif inghad f'diversi sentenzi din it-teorija mhi xejn ghajr l-applikazzjoni tal-"buon sens" ghac-cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati; fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghal konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti.

Illi l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni fil-fatt jindikaw biss illi l-oggett misruq, mertu ta' din il-kawza kien fil-pussess ta'l-imputat. Gie ippruvat ukoll illi fil-fatt din il-magna giet fil-pussess tieghu bejn wiehed u iehor fl-istess zmien illi insterqet. Is-serqa sehhet f'April 2006. Meta interrogat l-

imputat f'Lulju tas-sena 2007, isostni illi l-ewwel darba li huwa ra din il-magna zarmata kien madwar sena u erba xhur qabel u ghalhekk ghal habta ta'l-istess zmien li insterqet. Illi provi ohra li jistghu jorbtu s-serqa mal-persuna ta'l-imputat ma hemmx ghajr ghal fatt illi l-persuna derubata ikkonfermat illi l-magna illi kienet fil-pusess ta'l-imputat u li sussegwentement inbieghet minnu lil Charles Abela hija l-istess wahda illi insterqet mill-fabbrika tieghu.

Illi huwa minhabba f'dana l-fatt allura li l-prosekuzzjoni qieghda tistrieh fit-trattazzjoni taghha ta' dina l-kawza fuq it-teorija tar-recent possession hawn fuq indikata.

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per. Imhallef Vincent Degaetano) deciza fis-26 ta' Awissu 1998, il-Qorti studjat fil-fond din it-teorija fejn gew ikkwotati diversi awturi inglizi u saret referenza ghal gurisprudenza ingliza:

"Din il-Qorti wkoll ser tikkwota mill-ahhar edizzjoni ta' Archbold peress li hi tal-fehma li l-bran li gej jitratta bl-iktar mod konciz u preciz il-kwistjoni kollha marbuta ma' din it-teorija:

There appears to have been widespread misunderstanding of the so-called doctrine of recent possession. The rule (for it is no more than the application of common sense) is, it is submitted, that where it is proved that premises have been entered and property stolen therefrom and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the stolen property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should be so directed: see R. v. Loughlin, 35 Cr.App.; R. v. Seymour, 38 Cr. App. R.68. This of course applies equally to thefts other than in the course of a burglary, whether a pickpocketing or an armed robbery.

In R.V.Symthe, 72 Cr.App R 8 C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from Cross on Evidence 5th ed. (now 8th ed.p.35): *"If someone*

*is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to be stolen … The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue."*

Every case depends on its own facts, there is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property: in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality, is that in the great majority of cases there are other pieces of evidence which tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how it fits in or does not fit in with the other available evidence." (archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997 paras.21-125, 21-126)."

Illi maghmula dina l-esposizzjoni legali ta' dina t-teorija, l-Qorti sejra tghaddi sabiex tara jekk l-istess issibx

applikazzjoni fil-kaz odjern kif qed tikkontendi l-prosekuzjoni. Il-Prosekuzzjoni tikkontendi illi l-imputat ma jaghtix spjegazzjoni sodisfacenti u konvincenti dwar kif giet ghandu l-magna in kwistjoni u dana fl-istess perijodu ta' zmien illi insterqet. Illi l-imputat fix-xhieda tieghu isostni illi huwa okkupa il-garaxx illegalment madwar sentejn qabel gie arrestat mill-pulizija u li l-ewwel darba li innota dina l-magna kien madwar sena u erba xhur qabel gie interrogat. Il-magna kienet zarmata u keinet qieghda taht hafna imbarazz u mimlija trab. Ghalkemm kienet zarmata, l-imputat induna illi dina l-magna kienet tigi utilizzata sabiex tqatta' xi affarijiet. Meta beda jizbarazza il-garaxx sabiex jbda juzah, huwa iddecieda li inehhi dana l-imbarazz, izda kien biss sena u erba' xhur wara li kien ra dina l-magna illi huwa iddecieda li ibieghha ghall-iscrap. Huwa hu sejjer fit-triq lejn il-Fgura sabiex jaghmel dan, iltaqa' ma' Carmelo Abela f'hanut tat-te, li tallbu sabiex ibieghlu dina l-magna. Hekk ghamel u tallbu il-prezz ta' Lm50. Ighid illi huwa kellu suspett illi dina l-magna setgeht kienet misruqa, izda xortawahda hass li seta jiddisponi minnha minflok ghamel rapport lill-pulizija.

Illi l-Qorti tosserva mal-ewwel illi hija ma temminx lill-imputat meta ighid illi huwa sab dina l-magna b'kumbinazzjoni f'garaxx abbandunat liema garaxx huwa iddecieda li jokkupa illegalment. Qabel xejn irid jinghad illi hawnhekk qeghdin nitkellmu fuq magna ta' certu dimenzjonijiet u mhux xi kaxxa tas-sulfarini! Inoltre dina l-magna kienet zarmata u allura sabiex ingarret u twasslet ghal dana il-garaxx bilfors illi sehh xi moviment – moviment illi ma setax ighaddi inosservat mill-imputat li ighid illi kellu xi kmamar fil-vicin fejn kien izomm xi annimali u li allura kien midhla sew ta' dawn l-ambjenti. Illi l-imputat allura kien konsapevoli tal-fatt illi l-magna wasslet fuq il-post. Tant kien konsapevoli illi fil-fatt minn dak illi ighid huwa stess fix-xhieda tieghu, huwa kien diga qieghed jokkupa dana il-garaxx fiz-zmien li wasslet il-magna fuq il-post. Ighid a fol.89: "Ili nuza din il-kamra ghal dawn l-ahhar sentejn. Kont ili nuza din il-kamra xi sentejn qabel ma inqala dana il-kaz."

Illi fit-tieni lok lanqas jaghmel wisq sens illi xi hadd jiehu l-izbriga li jisraq magna kbira li trid tingarr billi jintuza xi vann kummercjali (u dana kif ikkonkluda l-espert Philip Zammit fir-rapport tieghu), imbaghad izarmaha u jabbandunaha f’garaxx mimli imbarazz!

Illi fl-ahharnett, lanqas il-Qorti ma temmen illi l-imputat induna b’kumbinazzjoni b’dina il-magna fl-istess perijodu ta’ zmien illi kienet giet misruqa! Illi l-imputat biegh dina il-magna, wara sena u erbgha xhur peress illi kif ighid huwa stess kellu bzonn il-flus. Ghalhekk ghalkemm kif johrog mill-provi kien hemm certu trapass ta’ zmien qabel ma l-pulizija irrintraccaw dina r-refurtiva u ghalqu l-investigazzjonijiet taghhom meta wasslu ghal persuna ta’l-imputat, madanakollu l-Qorti xortawhda hija tal-fehma illi hawnhekk tapplika t-teroija tar-recent possession abbazi ta’l-argumenti migjuba hawn fuq.

Maghdud dana kollu madanakollu, mill-provi migjuba b’applikazzjoni tat-teorija hawn fuq citata il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni minghajr dubbju ragjonevoli illi l-imputat jista’ jinstab hati ta’l-akkuza tas-serq u dana peress illi l-ebda prova fl-atti processwali ma tista’ twassal ghal fatt illi l-imputat seta kien l-awtur jew komplici f’dana ir-reat. Dana qed jinghad peress illi tenut kont tad-dimenzjonijet ta’l-oggett misruq, certament li fis-serqa kienu involuti iktar minn persuna wahda. Provi indizzjarji fuq ix-xena tar-reat ma instabux. Ghalhekk ma gie ippruvat l-ebda ness bejn l-att tas-serq u l-imputat. L-istess ma jistax jinghad ghall-akkuza tar-ricettazzjoni lli b’appliakzzjoni tat-teorija hawn fuq indikata twassal lil Qorti ghal konkluzjoni illi l-imputat gie fil-pusess tal-magna fl-istess perijodu li insterqet u ghalhekk kien ben konsapevoli tal-fatt illi dina kienet misruqa. Fuq kollox l-imputat stess jammetti illi kellu dana is-suspett.

Illi fir-rinviju ghal gudizzju tieghu l-Avukat Generali jindika illi tista’ tinstab htija tar-reati ta’serq aggravat, ricettazzjoni u ir-reat ikkontemplat fl-artikoli 286 u 287 tal-Kpaitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi huwa car illi dawn inghataw bhala kapi alternattivi. Ghaldaqstant il-Qorti fid-dawl ta’ dak hawn fuq espost hija tal-fehma illi tista’ tinstab htija biss ai

termini ta'l-artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 fid-dawl ta'l-artikolu 279(b) peress illi l-oggett misruq jiswa aktar minn elf lira Maltin u dana kif jirrizulta mir-rapport ta'l-espert Philip Zammit.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni illi l-imputat huwa recidiv, liema akkuza tar-recidiva giet ampjament ippruvata mill-prosekuzzjoni. Jidher ukoll mill-fedina penali ta'l-imputat esebita fl-atti tal-kawza illi l-imputat diga instab hati fuq akkuzi ta' serq u anke li inghata aktar minn opportunita wahda min dawn il-qrati sabiex jirriforma ruhu. Illi fid-dawl ta' dan kollu, ghalhekk, il-Qorti hija tal-fehma illi piena karcerarja effettiva hija idonja ghal dana il-kaz.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 334(a), 279(b), 31, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel u it-tielet akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tat-tieni u r-raba akkuzi u tikkundannah ghal perijodu ta' tmintax-il xahar (18) prigunerija.

Finalment b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez kollha konessi ma'l-esperti nominati fl-atti ta'l-Inkjesta Magisterjali fl-ammont ta' 317.26 ewro lir-Registratur tal-Qorti u dana fi zmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------